MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 325/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fis-7 ta' Ottubru, 2005 li permezz tagħha l-attriċi ppremettiet:

Illi l-kontendenti żżewġu fis-17 ta' Diċembru, 2003 (ara Dok. A).

Illi ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti tħassar irrevokabilment minħabba moħqija, sevizzi gravi, swat inġurji, abbandun u theddid da parti tal-konvenut.

Illi miż-żwieġ twieled tifel, ossia X li għadu minuri.

Illi l-attriċi ġiet debitament awtorizzata skond digriet ta' din l-Onorabbli Qorti bin-numru 496/04 sabiex tipproċedi għas-separazzjoni personali.

Għalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex;

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti.

2. Takkorda l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri fuq imsemmi.

3. Tikkundanna l-konvenut iħallas manteniment adegwat għaliha u għat-tfal minuri tagħha.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'żewġ porzjonijiet applikando kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-liġi u tassenja waħda lill-attriċi u l-oħra lill-istess konvenut, u dan bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jagħmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma, u okkorrendo ta' nutar biex jirċievi l-att opportun u kuratur biex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.

5. Tikkundannah sabiex jikkonsenja lill-attriċi fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss l-oġġetti kollha

parafernali nklużi flus, u fin-nuqqas jiġi kkundannat iħallas lill-attriċi l-valur tagħhom kif jiġi likwidat okkorrendo l-operat ta' perit nominandi.

Bl-ispejjeż u l-konvenut inġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attriċi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti nomine Dottor Leslie Cuschieri u l-P.L. Luisa Tufigno ippreżentata fis-17 ta’ Ottubru, 2006 li permezz tagħha eċċepew;

1. Illi b’digriet tas-26 ta’ Ottubru, 2006, huma ġew nominati kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti B.
2. Illi huma għad ma kellhomx żmien biżżejjed biex jiksbu aktar informazzjoni fuq dan il-każ, ma kkomunikawx ma’ l-istess assenti, u m’humiex edotti mill-fatti tal-każ.

3. Illi għalhekk huma jirriżervaw li jeċċepixxu ulterjorment.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Semgħet lill-attriċi.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-10 ta’ Novembru, 2006 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi din hija kawża ta’ separazzjoni fejn l-attriċi qed titlob id-dikjarazzjoni ta’ separazzjoni minn ma zewġ ha. Apparti mill-

fatt li wara li ġiet intavolata l-kawża ż-żwieġ gie annullat permezz ta’ sentenza ta’ din il-Qorti, u allura ma baqax lok għall-ewwel talba, il-kawża ma tippreżenta ebda diffikoltajiet għaliex il-partijiet gia’ illikiwidaw u qasmu l-

komunjoni ta’ l-akkwisti bejniethom permezz tal-kuntratt imsemmi fiċ-ċitazzjoni. Skond il-provi, il-konvenut abbanduna għal kollox id-dar konjugali tant li issa ilu ma jkollu kuntatt ma’ l-attriċi u l-minuri. Ma hemmx lok li wieħed jidħol fid-dettal dwar il-ġrajja ta’ dan iż-żwieġ.

Il-Qorti anzi giet infurmata mill-attriċi li l-konvenut harab bit-tifel lejn il-Libja u l-uniku interess tagħha huwa li terġa’ tieħdu lura. Il-partijiet ma għandhomx proprjeta’ bejniethom għaliex għexu flimkien għal ftit ġranet biss. Ma hemmx lanqas informazzjoni dwar il-mezzi tal-konvenut u għalhekk il-Qorti se tipprovdi biss dwar it-tieni talba.

**Il-Qorti għalhekk tilqa’ t-tieni talba u takkorda l-kura u kustodja tal-minuri X lill-attrici u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet l-oħra.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut iżda l-attriċi għandha proviżorjament tħallas l-ispejjeż u drittijiet tal-kuraturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------